

32006R1541

L 283/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

14.10.2006

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1541/2006****tat-13 ta' Ottubru 2006****li jiffissa l-koeffiċjent sabiex ikun stabbilit il-limitu ta' rtirar imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 493/2006**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2006 tas-27 ta' Marzu 2006 li jstipula miżuri tranżitorji fil-qafas tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2001 u (KE) Nru 314/2002 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 493/2006 jstipula li għal kull impriża, is-sehem tal-produzzjoni taz-zokkor, tal-iżoglukożju u tal-ixropp tal-inulin fis-sena kummerċjali 2006/7 li hu prodott taħt il-kwoti stabbiliti fl-Anness IV ta' dak ir-Regolament u li jaqbeż ċertu limitu għandu jkun ikkunsidrat irtirat skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006.
- (2) Sabiex ikun stabbilit il-limitu kkonċernat, irid ikun iffissat koeffiċjent mhux iktar tard mill-15 ta' Ottubru 2006, permezz ta' diviżjoni tas-somma tal-kwoti rrinunzjati fis-sena kummerċjali 2006/07 fl-Istat Membru kkonċernat, bis-saħħa tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni <sup>(3)</sup>, bil-kwota ffissata għal dak l-Istat Membru fl-Anness IV mar-Regolament (KE) Nru 493/2006.
- (3) Sabiex dak il-koeffiċjent ikun iffissat, għandha tkun ikkunsidrata l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2006 dwar id-disponibbiltà stmata tar-riżorsi finanzjarji għall-għotja ta' għajjnuna għar-ristrutturar għas-sena kummerċjali 2006/07, fil-qafas tal-implimentazzjoni

tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità <sup>(4)</sup>, li kien adottat skont l-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 968/2006 tas-27 ta' Ġunju 2006 li jstipula regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 li jstabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità <sup>(5)</sup>.

- (4) għaldaqstant jeħtieġ li jiġi ffissat il-koeffiċjent sabiex ikun stabbilit il-limitu ta' rtirar għas-sena kummerċjali 2006/2007

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-koeffiċjent imsemmi fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 493/2006 għandu jkun stabbilit mill-Istat Membru kif ġej:

- (a) il-Belġju: 0,1945;
- (b) Spanja: 0,0863;
- (c) Franza (metropolitana): 0,0074;
- (d) l-Irlanda: 1,0000;
- (e) l-Italja: 0,4936;
- (f) l-Olanda: 0,0848;
- (g) il-Portugall: 0,4422;
- (h) l-Iżvezja: 0,1156;
- (i) l-Istati Membri l-oħra: 0,0000.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 89, 28.3.2006, p. 11. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 769/2006 (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 19).<sup>(3)</sup> ĠU L 58, 28.2.2006, p. 42.<sup>(4)</sup> ĠU C 234, 29.9.2006, p. 9.<sup>(5)</sup> ĠU L 176, 30.6.2006, p. 32.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Ottubru 2006

*Għall-Kummissjoni*  
Mariann FISCHER BOEL  
*Membru tal-Kummissjoni*

---